# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 12 ta’ Lulju, 2002.**

**Numru 39**

**Citaz. Nru. 949/99GV**

Doc. Nru. 290-02

**Lifts Services Ltd.**

**vs**

**Dr. Dominic Cassar u l-P.L. Joanna Dingli nominati permezz ta’ digriet tal-hdax (11) ta’ Mejju, 1999 kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw is-Socjeta’ estera Maspero Elevatori S.A.S.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta’ attrici timporta u tinstalla f’Malta diversi tipi ta’ “Lifts u Elevators” u ilha f’dan in-negozju ghal bosta snin;

Premess illi is-socjeta’ attrici kienet interessata tippartecipa fil-progett taz-zvilupp li llum igib l-isem “Portomaso” u qieghed jinbena fuq is-sit li sa ftit ilu kienet tospita l-lukanda “Malta Hilton International” u ghal dan il-fini s-socjeta’ attrici fis-sena 1997 ntraprendiet negozjati mas-socjeta’ konvenuta ghal fornitura ta’ tip partikolari ta’ “lifts” u cioe’ ta’ “inclined lifts”;

Premess illi s-socjeta' konvenuta permezz ta' skrittura datata sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, 1997, kopja taghha giet annessa u mmarkata dok. LS1, intrabtet li tbiegh, tikkonsenja u tassisti esklussivament lis-socjeta' attrici fit-territorju ta' Malta ghad-eskluzjoni ta' kull socjeta' ohra Maltija u dana ghar-rigward il-prodotti u l- "lifts" taghha u partikolarment dawk ta' "inclined lifts" ghal progett fuq premess kif tixhed kategorikament l-iskrittura annessa;

Premess illi s-socjeta' konvenuta ghogobha ma tirrispettax it-termini ta' l-iskrittura tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, 1997 bla ebda gustifikazzjoni u raguni valida fil-ligi, anzi ghal kuntrarju ghazlet li tintraprendi negozju ma' socjeta' ohra lokali kompetitur tas-socjeta' attrici u dana konsapevolment ta' l-obbligi taghha fil-konfront tas-socjeta' attrici;

Premess illi dan l-agir da parte tas-socjeta' konvenuta kkaguna danni lis-socjeta' attrici u li minkejja nterpelazzjonijiet da parte tas-socjeta' attrici ghal hlas ta' dawn id-danni din baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Is-socjeta' attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li s-socjeta' konvenuta naqset li tirrispetta u li tonora l-obbligi taghha versu s-socjeta' attrici.

2. tiddikjara lis-socjeta' konvenuta unikament responsabbli ghad-danni fil-konfront tas-socjeta' attrici nkwantu li ma rrispettatx l-obbligi minnha assunti.

3. tillikwida, okkorrendo anke permess ta' periti nominandi, d-danni hekk kkagunati versu s-socjeta' attrici.

4. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas fi zmien qasir u perentorju lis-socjeta' attrici d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez nkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Nru. 1948/99 u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 2102/99 li qieghed jigi pprezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni u bl-imghax legali mid-data tal-ksur tat-termini kontrattwali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati a fol. 26 fejn eccepew:

Illi, preliminarjament, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti skond l-Artikolu 742(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet;

Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici huma preskritti bil-preskrizzjoni ta' sentejn, ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet;

Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-obbligi ta' esklussivita' li skond is-socjeta' attrici huwa l-obbligu li l-istess konvenuti ma rrispettawx u li ta lok ghal danni jmur kontra l-Att dwar il-Kompetizzjoni (Att XXXI tal-1994) peress illi jimpedixxi, jrazzan u/jew ixekkel il-kompetizzjoni fuq is-suq Malti u ghalhekk skond l-istess Att kwalsiasi obbligazzjoni ta' din in-natura hija *ipso iure* nulla u mhux ezegwibbli; ghalhekk is-socjeta' attrici ma tistax tirreklama danni a bazi ta' obligazzjoni *nulla ad inizio*.

Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, s-socjeta' attrici trid tipprova illi s-socjeta' konvenuta naqset minn xi obbligu u li dan in-nuqqas ikkawza d-danni.

Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, l-esponenti jiddikjaraw illi f'dan l-istadju ghadhom m'humiex edotti mill-fatti mertu tal-kawza u jirrizervaw illi jintavolaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jigu edotti minn dawn il-fatti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-decizjonijiet preliminari taghha a fol. 38 u 79;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw it-tielet eccezzjoni;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti (ara fol. 94).

F'dina l-eccezzjoni l-konvenuti qed jeccepixxu li :

*l-obbligi ta' esklussivita' li skond is-socjeta' attrici huwa l-obbligu li l-istess konvenuti ma rrispettawx u li ta lok ghal danni jmur kontra l-Att dwar il-Kompetizzjoni (Att XXXI tal-1994) peress illi jimpedixxi, jrazzan u/jew ixekkel il-kompetizzjoni fuq is-suq Malti u ghalhekk skond l-istess Att kwalsiasi obbligazzjoni ta' din in-natura hija ipso iure nulla u mhux ezegwibbli; ghalhekk l-attrici ma tistax tirreklama danni a bazi ta' obligazzjoni nulla ad inizio.*

L-Att 5 tal Competition Act jipprovvdi hekk:

> **5.** (1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, dan li gej mhuwiex legittimu, jigifieri kull akkordju bejn intraprizi, kull decizjoni minn ghaqda ta' intraprizi u kull prattika miftiehma bejn intraprizi li jsiru bil-hsieb jew li jkollhom l-effett li jimpedixxu, irazznu, jew ixekklu l-kompetizzjoni f'Malta jew f'xi parti minn Malta u partikolarment, izda **minghajr** pregudizzju ghall-generalità ta' dan is-subartikolu, xi akkordju, decizjoni jew prattika li:
>
> *(*a) jiffissaw il-prezz ta' xiri jew bejgh jew kundizzjonijiet kummercjali ohra, kemm b'mod dirett jew indirett; jew
>
> *(*b) jillimitaw jew jikkontrollaw il-produzzjoni, is-swieq, l-zvilupp tekniku jew l-investiment; jew

(*c*) iqassmu s-swieq jew sorsi ta' provvista; jew

(d) jimponu l-applikazzjoni ta' kundizzjonijiet differenti ghal transazzjonijiet ekwivalenti ma' partijiet ohra mhux imdahhla f'dak l-akkordju, u b'hekk ipogguhom fi zvantagg kompetittiv; jew

(e) jaghmlu l-konkluzjoni ta' kuntratti suggetta ghall-accettazzjoni mill-partijiet l-ohra ta' obbligazzjonijiet supplimentari li, mix-xorta taghhom jew skond l-uzu kummercjali, ma jkollhom ebda konnessjoni mas- suggett ta' kuntratti bhal dawn.

(2) Akkordji jew decizjonijiet projbiti skond is-subartikolu (1) ikunu *ipso jure* nulli u mhux esegwibbli.

Il-partijiet in kawza kienu ghamlu ftehim li jinsab a fol. 6 fejn il-konvenuti Maspero Elevatori kienu ftehemu li:

*We hereby state that we will not quote for any other Company other than Lifts Services Ltd for the project of "Hilton" of Tumas Group involving the installation of Maspero Elevatori inclined lifts.*

*Lifts Services Ltd will only promote Maspero Elevatori inclined lifts for Tumas Group and will do its utmost to sell all Maspero Elevatori products.*

*Specifications, terms and conditions are valid as per our offer No 5932/97 dated February 1st, 1997 until a new agreement between the manufacturer and Lifts Services LTd is agreed upon.*

F'dan il-kaz il-konvenuti qed jattakkaw dana l-ftehim billi qed jippretendu li jmur kontra l-Competition Act u specifikatament qed jattakkaw l-ewwel parti tal-ftehim li kien jolqot u jorbot lill konvenuti. L-atturi mhux qed joggezzjonaw ghall parti li tolqot lilhom.

Skond il-Ligi fuq imsemmija l-ftehim m'ghandux ikollu bhala oggett jew effett li jimpedixxi, irazznan, jew ixekkel l-kompetizzjoni fis-suq f'Malta jew f'xi parti minn Malta.

Fil-kaz in ezami kien hemm ftehim li Maspero "*will not quote for any other Company other than Lift Services Ltd*" ghall progett tal Hilton. F'dina l-parti tal-ftehim l-partijiet ma kienux qed jimpedixxu lill partecipanti l-ohra milli jikkompetu u joffru biex jiehdu t-*tender* huma, izda l-ftehim kien biss bejn il-kontendenti; kien regolament intern bejnithom biex jirregolaw ir-relazzjoni taghhom, cioe' biex Maspero ma jikkwotax lill kompetituri ta' l-atturi. B'hekk huma ma kienux ser johonqu jew jiddominaw is-suq, billi offerti ohra minn partecipanti ohra kien ser ikun hemm izda Maspero kienet marbuta li ma tikkwotax darbtejn b'nies differenti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi:

tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti, spejjez ghall-konvenuti u tiddifferixxi l-kawza ghall kontinwazzjoni ghall-20 ta' Novembru, 2002 fl-10.45 a.m.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**